Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 1 / 2016**

Il-Pulizija

vs

**Philip Borg**

Illum, 9 ta' Mejju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Philip Borg, iben Joseph, imwieled Pieta', fit-13 ta' Marzu, 1955, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 221455 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-21 ta' Awwissu 2012 u fis-snin ta' qabel gewwa 160, Triq San Frangisk, Balzan:

1. Zamm xi ghasafar, kemm hajjin, kemm mejtin, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew ittehid taghhom huwa projbit, taht ir- regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioe` Steppe Eagle Aquila, Nipalenisis u Spanjulett Falco Tinnunculus, kontra d-dispoizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dawk l-ghasafar ma kinux gew iddikjarati u registrati mal-Awtorita` Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma nghata permessi jew certifikati mill-Awtorita` Kompetenti sabiex izzomm dawk l- ghasafar u dan bi ksur ta' regolament 4(1)e ta' A.L. 79 ta' 2006 hekk kif emendat.

2. Aktar talli naqas milli jzomm fil-pussess tieghu ghal perjodu kollu li kien fil-pussess tal-ghasafar msemmija fuq il-permessi/certifikati u dokumenti ohrajn, li jissodisfaw ghall-Awtorita` Kompetenti, bi ksur ta' regolamenti 4 (1) f tal-A.L. 79 tal-2006 kif emendat u dan bi ksur ta' regolament 27 (1) d.

3. Aktar talli kellu fil-pussess tieghu xi ezemplari l-importazzjoni taghha taqa taht ir-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerc fi speci tal-Fauna u Flora u cioe` Steppe Eage Aquilina, Nipalenisis tal-familja, Falconiformes spp minghajr ma kellu fil-pussess tieghu, permess, certifikat u licenzja li kellhom x' jaqsmu mal-importazzjoni ta' dak l- ezemplari u dan bi ksur tar-regolament 7 u regolament 8 (1) tal-A.L. 236 tal-2004.

4. Aktar talli fis-sena ta' qabel ikkonfa, ghen, hajjar, ta parir jew flus lil haddiehor biex jikser xi disposizzjonijiet jew biex jikser xi restrizzjonijiet, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht ir- regolament dwar il-konservazzjoni ta' Ghasafar Selvaggi meta xtara bi flus ghasfur haj li huwa mhares that dawn ir-regolamenti u cioe` Steppe Eagle Aquilianipalensis meta lbejgh tagh ha, garr ghal bejgh z-zamma ghall-bejgh jew offerta ghall-bejgh hija pprojbita` skont id- dispozizzjonijiet ta' regolament 6 (1) tal-A.L. 79 ta' 2006 kif emendat u dan bi ksur ta' regolamenti 27 (1) d.

Illi l-prosekuzzjoni talbet ukoll fic-citazzjoni li barra l-piena il-Qorti ghanda tordna l-konfiska tal-corpus deliciti u s-sospenzjoni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-18 ta' Dicembru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 4 (1) e u 4 (1) f tal-A. L 79 ta' 2006, sabet lill-imputat Philip Borg hati biss tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza u kkundannatu multa ta' elf ewro (€1000) filwaqt illiberatu mit-tielet u r-raba' akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Philip Borg minnu pprezentat fid-29 ta' Dicembru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja din is-sentenza appellate billi:

1) tikkonfermaha f' dik il-parti fejn l-appellant gie illiberat mit-tielet u raba imputazzjoni; u
2) tirrevokaha f' dik il-parti fejn l-appellant gie misjub hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u tilliberah minnhom; jew b' mod alternativ;
3) tvarja s-sentenza appellata billi tikonfermaha fl-intier taghha pero tirrevoka biss il-konfiska ordnata mill-ewwel Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi f' dan il-kaz l-appellant gie akkuzat b' erba imputazzjonijiet. Huwa gie illiberat minn tnejn minn dawn l-akkuzi u ghalhekk dan l-appell qieghed jigi illimitat fuq dawk iz-zewg akkuzi li l-appellant instab hati taghhom.

Illi l-prosekuzzjoni qieghda tallega li dawn iz-zewg ghasafar li nstabu fil-pussess ta' l-appellant kienu fi stat ta' illegalita ghax ma gewx iddikjarati u registrati mal-Awtorita` Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u ghalhekk l-appellant ma kellu l-ebda certifikat sabiex huwa jkun jista' jzomm dawn iz-zewg ghasafar.

Illi sabiex jigi ippruvat dan, il-prosekuzzjoni kellha tipprova l-ewwelnett li dawn l-ghasafar kienu ghasafar li ma kienux imsemmija fit-Tieni u/jew it-Tielet Skeda tar-regolamenti fuq citati u ghalhekk il-pussess taghhom kien jirrikjedi li jigu irregistrati u kellu jigi mitlub certifikat. Jidher li din l-prova l-prosekuzzjoni pruvat taghmilha biss bid-dikjarazzjoni u l-identifikazzjoni ta' l-ghasafar li ghamlu l-ufficjali Stanley Gatt u Gilbert Haber. Tajjeb li jinghad li dawn l-ufficjali jahdmu it-tnejn fi hdan il-Mepa li hija l-istess l-Awtorita li tohrog dawn ic-certifkati.

Illi minghajr tlaqliq din l-prova li tressqet mill-prosekuzzjoni hija prova innammissibbli. L-identifikazzjoni ta' dawn iz-zewg ghasafar kienet tirrikjedi opinjoni teknika u professjonali. Hija regola procedurali fil-kamp kriminali, li l-opinjoni teknika u professjonali tista' tinghata biss minn espert mahtur mill-Qorti. F' dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma hassitx li kellha taghmel tali talba u konsegwenzjali ghal dan il-prosekuzzjoni naqset li tipprova x' kienu dawn il-zewg ghasafar;

Illi fil-fatt meta l-appellant resaq l-oggezzjoni tieghu quddiem il-Qorti, li dawn l-ufficjali ma kienux qieghdin jixhdu bhala esperti tal-Qorti, il-Qorti stess qablet ma dan u iddikjarat li l-Qorti ma tifhimx fl-ghasafar u ma kienitx se tikkonsidra lill-Stanley Gatt bhala espert tal-Qorti izda biss bhala espert ' fis-sens, inverted commas ' li jaf il-ligi ambjentali u li huwa raprezentant imma tal-Awtorita' . Dan johrog car ukoll mill-fatt li l-Qorti kienet se tqabbad espert sabiex jigu identifikati dawn l-ghasafar pero ghal xi raguni dan l-espert qatt ma tqabbad. Issegwi ghalhekk li l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx tistrieh fuq l-opinjoni ta' xhieda tal-prosekuzzjoni ghal identifikazzjoni ta' l-ghasafar f' dan il-kaz u jekk jigu skartati l-opinjonijiet ta' Stanley Gatt u Gilbert Haber il-bqija tal- provi prodotti l-Qorti ma setghetx tasal ghas-sejbin ta' htija ta' l-appellant b' mod legali.

Illi minghajr pregudizzju ghal dan, *dato ma non concesso* li l-identifikazzjoni ta' l-ghasafar saret skont il-ligi, l-prosekuzzjoni naqset li tipprova l-intenzjoni ta' l-appellant. Dan qieghed jigi sottomess peress li l-appellant ma kellux l-intenzjoni kriminali rikjesta f' dawn ir-reati. Tant hu hekk, li f' dak li jirrigwardja l-ghasfur, li skond l-opinjoni tal-prosekuzzjoni kienet Steppe Eagle, kif xehed l-appellant hu kien ivverifika ma l-Awtorita jekk kellux bzonn jiddikjara tali ghasfur u skond il-Mepa l-appellant ma kellux bzonn dan il-permess stante li dan l-ghasfur ma kienx ipassi hawn Malta. L-appellant fil-fatt xhed li:

*' Apparti hekk ifhem dan wara z- zminijiet cempilt lil MEPA, kellimt lil Stanley dirett u qalli: La t-tajra ma tpassix m' hemmx ghalfejn certifikati, issa dik ma tpassix ma tigix hawn Malt*a'

Ghaldaqstant hija ingustizzja li l-appellant instab hati ta' dan ir-reat meta huwa kien qieghed jimxi fuq l-istruzzjonijiet tal-Mepa stess;

Illi fir-rigward l-ghasfur li skont l-prosekuzzjoni kien Spanjulett, l-appellant spjega li huwa sab dan l-ghasfur ferut u dewwieh. L-appellant jghid li:

*' Sibnieh mghaxxex qed imur, milqut bic-comb go gwienhu u go siequ, hadtu d-dar, dewwejtu, qlajtlu c-comba li kellu f' siequ u rpilja ghax qghadt niehu pacenzja bieh biex nitimghu bhal ma ghamilt b' hafna ohrajn, ghax jien minn meta kont zghir kelli ghaxar (10)*

*snin meta ghamilthom dawn l-affarijiet. Imbaghad ippruvajt nitilqu meta ghaddielu u ma tarx ghax kien naqra l-gwejnah x' jismu, qatt ma tar dak, ghax kieku meta jaghlaq is-season kont nerga niftahlu' .*

Illi l-appellant prova jitlaq dan l-ghasfur wara li dewwieh pero huwa ma kienx kapaci itir u ghalhekk minflokk halla dan l-ghasfur imut bil-guh ghazel li ikompli jiehu hsiebu. Ghax ghamel hekk huwa spicca gie akkuzat quddiem il-Qorti u misjub hati li huwa ma iddikjarax dan l-ghasfur. Li l-ghasfur kien ferut f' wahda mill-gwienah tieghu u f' saqajh gie ippruvat permezz ta' l-awtopsja li giet mizmuma fuqu u ghalhekk kellu ikun car ghal Qorti li l-appellant ma kienx qieghed izomm dan l-ghasfur bhala annimal tad-dar izda kien qieghed izomm dan l-ghasfur sabiex jikkurah u ma imutx bl-guh. L-ironija ta' dan il-kaz hija li l-istess awtoritajiet li hadu dan l-ghasfur minn id dik il-persuna li verament kienet qed tiehu pacenzja u tikurah spiccat qatlet dan l-istess ghasfur bil-guh fi ftit jiem. Ma jidhirx li l-pulizija tressaq persuni li isibu ghasafar feruti u jikkurawhom. Kieku kien il-kaz l-ebda organizazzjoni u l-ebda persuna ma taghti l-ghajuna lil dawn l-ghasafar meta dawn ikunu fil-bzonn. Dan ma issirx peress li ma jkunx hemm l-intenzjoni kriminali li jirrikjedu dawn ir-regolamenti. Dan il-kaz ma hux differenti u ghalhekk l-Qorti tal-Magistrati ma kellhiex ikun possibli ghaliha li tasal ghas-sejbien ta htija ta' l-appellant li kieku hija interpretat l-provi kif migjuba quddiem b' mod ragonevoli;

Illi fl-ahhar nett u b' mod sussidjarju, l-Qorti f' dan il-kaz ma kellha qatt tordna l-konfiska ta' l-ajkla.

Illi anke jekk dan l-ghasfur kellu jigi irregistrat fis-sena 2003, l-appellant kellu jinghata l-fakulta li jirregolarizza ruhhu mal-ligi wara s-sejbien ta' htija tieghu u jirregistra l-ghasfur ma l-awtorita kompetenti, la darba issa skond din l-istess Awtorita dan l-ghasfur kellu jigi irregistrat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Rat l-affidavit ta' **WPS 110 M Scicluna** esebit fl-atti fejn dan xehed li nhar il-21 ta' Awwissu, 2012 ghall-habta tad-9.30am waqt li kien l-ghassa tal-pulizija ta' B'kara gie infurmat minn G. Martson tad-Dipartiment tal-Harsien ta' l-annimali, li gewwa residenza f'Hal Balzan kellha ssir inspection go dar fejn kien qed isir mohqrija ta' l-annimali u li ghandhom bzonn l-assistenza tal-pulizija.

Huma marrru immedjatament fuq il-post 160, Rannock, Triq San Frangisk, Balzan fejn habbat il-bieb pero ma fetahlu hadd. Minn gewwa din ir-residenza kien jinstema inbih qawwi ta' hafna klieb. Wara hafna tentattivi minn fuq il-bejt harget MaryBorg fejn qaltilna li ma tridx tiftah sakemm jig r-ragel taghha jigifieri l-appellant odjern peress li l-klieb huma tieghu u u jrid ikellimhom. Din Mary Borg bdiet tghid li dalwaqt kinet ser tnehhi l-klieb u dan minghajr ma l-pulizija kellmuha dwar il-kaz. Huwa tkellem ma l-Ispettur Philip Ransley fejn min naha tieghu talab li tinhareg warrant mill-magistrat biex huma ikunu jistghud jidhlu fil-post. Sadanitant wasal fuq il-post l-appellant fejn baqa' jinisti li mhux ser jifthilhom sakemm ikollhom il-warrnt f'idejhom waqt li beda jirrabja ma min kien fuq il-post inkluz is Sinjura Yvonne Farrugia li kienet qed tirrappresenta id-Dipartiment tas Sanita u dan beda iheddidha li kien ser ipattihielha u li ghandha ghalfejn tibza minnu ghax hi imqabda mieghu.

Ix-xhud spjega li l-appellant beda jhedded u jghajjar lil Marston kontinwament. F'xi hin l-appellant ta l-kunsens tieghu sabiex ix-xhud flimkien mal Vet Dr. Duncan Checuti Ganado jidhlu fid-dar tieghu.

Minnufih kien evidenti appena infetah il-bieb ta' barra li kien hemm hafna hmieg u intiena qawwija fid-dar tal-hmieg tal-klieb. Fuq in-naha tal-lemin appena tidhol fil-villa issib *sitting room* u minkejja li kien hemm id-dlam ghax kienet maghluqa kien evidenti l-ammont ta' gaggeg fuq xulxin u kaxxi tal-kartun mimlijin klieb. Dr.

Chetcuti Ganado xeghel il-mobile biex juzah bhala torch peress li ma setghux jaraw u s-sur Borg hataflu l-mobile minn idu ghax haseb li kien ser jiehu xi ritratti jew videos.

Meta xeghlu d-dawl dawn il-klieb li kienu kollha ta' razzez zghar bhal klieb tal-but u poodles French Bulldogs kienu imqeghdin go gaggeg f'daqsijiet varji, fil-hmieg taghhom stess fejn il-maggoranza taghhom kienu bis-suf mghaqqud u estremament mahmug fejn certu klieb tant kienu ristretti il-gagegg li ma setghux jiccaqilqu. X'hin dahal jiccekja gol-kaxxex tal-kartun li kienu twal u l-klieb li kienu fihom ma setghux jaraw madwarhom hlief is-saqaf, kien hemm klieb li kienu ghadhom zghar u li anke wirdien kien ghaddej minn fuqhom fost hmieg iehor li kienu fih. Dawn il-klieb kienu ukoll imwerwrin u fost hafna hmieg u irwejjah go din *is-sitting room* kien hemm ukoll ammont qawwi ta' shana peress li kien hemm kullimkien maghluq u fid-dlam.

Go wahda minn dawn il-kaxxi kien hemm poodle li kien fi stat hazing u x'hin refghu l-appellant hadulu minn idejh u wadbu lura bil-goff fil-kaxxa u beda jghajjat kemm jiflah li l-klieb tieghu ma jonqoshom xejn.

Go din il-kamra kien hemm ukoll kaxxi ta' l-ghasafar zghar u bil-bozoz fuqhom.X'hin hargu minn din il-kamra gew f'kuritur fejn kien hemm gaggeg ta' l-ghasafar, u fil-kcina kien hemm ukoll diversi gaggeg ta' l-ghasafar, bhal Pappagalli ta' Makawi.

Faccata ta' dan il-kuritur kien hemm bieb tal-hgieg li jaghti ghal gnien fejn mill ftit li seta jidher kien hemm hafna gaggeg b'ghasafar (Pappagalli) u ghasafar ohra kbar fihom li kien car li dawn l-ghasafar kienu kkripati li kienu zghar ghad-daqs taghhom.

L-appellant gie misoqsi jekk jghix f'din il-villa u stqarr li jghix hemm flimkien mal-familja tieghu.

L-appellant irrifjuta li jaghtihom access ghall-garage. Huma u telghin fuq, it-tarag kien mimli gaggeg zghar b'ammonti ta Amorini fihom li kienu mimlijin hmieg, u

x'hin telgha fuq ra klieb zghar tal-but li ftit li xejn kellhom suf fuq gisimhom, kif ukoll infections f'ghajnejhom fejn mart l-appellant refghet wiehed minnhom u qalet li ma kien fihom xejn hazin.

Wara cupboard ra geru tal-poddle li kien wiccu ma l-art u kien evidenti li kien mghaxxex. X'hin refghu dan kien jahraq bid-deni u ma ccaqlaqx f'idu, u ghal darb ohra l-appellant hatfu minn idu u tefghu bl-addocc go kaxxa tal-kartun u qallu biex ma jmmissux. Wara hafna perswazjoni ikkonvincih li dan il-geru kellu bzonn l-attensjoni medika immedjata u hallih jiehdu biex jghaddih lil Vet. Hareg bih f'idu fil-pront fejn kien hemm l-ambulanza tal-Animal welfare fejn haduh. Dan il-geru instab fi-kamra tas-sodda tal-appellant li kienet mimlija gaggeg ta l-ghasafar fosthom pappagalli.

Fil-kamra tas-sodda l-ohra kien hemm kelba kbira fid-daqs u fl-eta' li kienet maghluqa gol-gallerija maghluqa fil-hmieg taghha stess u fis-shana. Kien hemm ukoll Pugs u koppji ta klieb ohra fejn l-appellant kellu intensjoni li jammarhom u jbieghhom ghall-profitt.

Minhabba il-kwantita' kbira ta' ghasafar li kien hemm gew infurmati l-MEPA illum l-PA u cioe certu Stanley Gatt u Gilbert Haber fejn dahlu jaraw jekk kienx hemm ghasfar protetti u sabu diversi ghasafar bhal ajkla u seqer.

Nel frattemp inhareg mandat mill-Magistrat biex l-annimali jigu migbura u jitqieghda taht kwarantina biex jiddewwu mill-mard li kellhom.

L-appellant beda' jghajjar lil kull min kien prezenti u ighidilhom li kienu imqabdin mieghu u li kien ser ipattiha lil kulhadd.

Fuq il-post kien hemm ukoll l-Ispettur Philip Ransley u d-Direttur tal-*Animal Welfare*.

Spjegat ukoll li fid-drive-in kien hemm ammont ta' hmieg u mbarazz li kienu qed jaghmlu riha tintenn ghal girien u fil-parti ta' wara tal-gnien, gol-hamrija kien hemm

ammonti kbar ta' hofor, probabbilment ta' grieden li setghu ingabru minhabba l-ikel u hmieg li kien hemm.

Ix-xhud marret bil-mixi go mahzen li kien qed jintuza bhala fabbrika tal-injam u l-appellant qallha li seta' juza dan il-post biex izomm il-klieb pero' kien ghadu qed jipprova jirranga biex il-fabbrika tinghata lilu bil-kera. Kuntratt mas-sid kien ghadu ma giex iffirmat pero' kien mar fuq il-post biex iselfu c-cwievet.

**Roderick Marsdon**, rapprezentant tal-Animal Welfare xehed nhar it-18 ta' Gunju, 2013 fejn stqarr illi kien ircieva telefonata dwar annimali li kienu mahqura u kienu mizmuma hazin hafna gewwa Triq San Frangisk, Hal Balzan proprjeta' tal-appellant. Huwa mar fuq il-post u sab dizastru kif indikat minn numru ta' ritratti li gew mehuda fuq il-post minn Olaf Gauci. Gew infurmati li fost l-annimali li kien hemm, kien hemm ukoll numru ta' tjur u ghalhekk infurmaw lil MEPA llum ERA. Fuq il-post sabu lill-appellant li gab ruhu hazin hafna.

**Stanley Gatt**, *team manager* mad-Dipartiment tal-Ambjent, fis-sezzjoni tal-Harsien tal-Fauna. Dan spjega li fil-21 ta' Awwissu, 2012 kien gie mgharraf mill-Animal Welfare li fil-fond 160, Ramock, Triq San Frangisk, Hal Balzan kien hemm xi ghasafar suspettuzi ta' origini llegittima. Huwa mar fuq il-post ghal habta tal-11:00 a.m. ma Gilbert Harber. Stennew lill-pulizija biex ikollhom access ghal din ir-residenza. Ghal habta tas-2:00 p.m. ghamlu spezzjoni fil-fond fil-prezenza tal-appellant. Sabu zewg ezemplari ta' tajr tal-priza li huma mharsa skont ir-Regolamenti tal-Harsien tal-Ghasafar liema ghasafar m'humiex imnizzlin fl-Ewwel u t-Tieni skeda. L-Ghasafar kienu Step-Eagle u Common Kestrel li gew esebiti formalment, u dawn jinsabu deskritti fid-dokument SG1 a fol 24. Dawn l-ghasafar jinsabu fl-appendix 2 ta' International Trading and Endangered Species u f'Annex B tal-Counsil Regulation 338/1997. Jghid illi dawn l-ghasafar ma kienux lebsin curkett maghluq u ghaldaqstant ma setghux jigu meqjusa bhala *captive breed*. Jghid illi huwa staqsa lill-appellant rigward l-origini ta' dawn l-ezemplari u stqarr illi s-seqer kien sabu ibnu tlett snin qabel meta kien ferut. Qalilhom li kien ikkurah u zammhom waqt li l-ajkla kien xtraha minn hanut Haz-Zebbug madwar sitt snin qabel u allega li l-ezemplari kien gie micro-chipped. Spjega li micro-chipping wahedha ma tfisser

assolutament xejn fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni li jissapportjaw l-origini legittima ta' dawn l-ezemplari u meta l-appellant gie mitlub ghal dokumentazzjoni, dan ma kienx f'posizzjoni li jipproduciha. L-ewwel qalilhom li ma kellux u wara stqarr illi seta' jakkwistaha. Huwa ghamel ricerka interna fi hdan il-MEPA ghal prezenza ta' dokumentazzjoni biex jippruvaw l-origini legittima izda ma sab xejn. Jigifieri kkonkluda illi d-dokumentazzjoni ma kienx hemm. Dwar l-ajkla l-appellant qallu li kien hallas ghaliha meta xtraha minn gewwa hanut Haz-Zebbug. Mistoqsi jekk l-appellant ta xi isem tal-hanut dan wiegeb li ma tax u ghalhekk huwa ma kellux ic-certifikat necessarju skont l-Article 10 tal-Ligi Internazzjonali fejn ezemplari ma jistax ibiddel id ghal ohra fin-nuqqas ta' certifikat. Lanqas fir-rigward ta' micro-chip huwa ma sab l-ebda dokumentazzjoni. Huwa esebixxa sett ritratti tal-ajkla u s-seqer u tal-post fejn kienu qed jinzammu li gew markati bhala Dok SG2. Dawn ir-ritratti gew mehuda fil-prezenza tal-appellant.

Mistoqsi jekk huwa kienx mahtur bhala espert mill-Qorti, jghid illi le pero' jispjega li gie msejjah mill-Animal Welfare biex jaghti l-assistenza lill-pulizija u lill-Animal Welfare u hu kien qed jagixxi fil-kapacita' tieghu ta' Spettur tal-Ambjent. Jghid li pero' kien hemm diversi drabi li huwa gie nominat mill-Qorti fil-kapacita' tieghu ta' espert tal-ghasafar. Mistoqsi jekk meta elevaw l-ghasfur Kestrel maghruf bhala Spanjolett, kellux xi feriti partikolari, jghid li ma kellux. Dan ittiehed il-kwarantina, ta' Hal-Luqa u nzamm taht il-kustodja tas-Servizz Veterinarju, pero' ftit tal-jiem wara miet. Pero' zammewh preservat fil-*freezer*. Mistoqsi jekk l-appellant talabx li jiehu l-ajkla lura, wiegeb li ma kienx jaf biha skont l-ittra esebita a fol 37 immarkata bhala Dok PB1.

**Yvonne Farrugia**, Spettrici sanitarja fi Hdan l-Awtorita' tas-Sahha kkonfermat illi kellhom rapport fil-21 ta' Awwissu, 2012 dwar infestation ta' grieden fil-fond 160, St. Francis Street, Balzan. Hija marret fuq il-post u sabet hafna pulizija tal-mobile squad, Animal Welfare, Dr. Duncan Ganado. L-appellant ma hallihomx jidhlu u qaghdu jistennew il-warrant mill-ghassa u spiccaw dahlu fil-fond fit-3:15 p.m. Fil-fond sabu hafna hmieg tant illi hija harget *nuisance report* biex inaddaf. Spjegat illi gimgha qabel ma xehdet u cioe' f'Gunju, 2013 hija ghamlet spezzjoni ohra fil-fond u sabet id-dar

nadifa, l-annimali tnehhew, apparti xi ftit ghasfar bhala pets. Minn naha taghhom l-appellant kien irregolarizza l-posizzjoni tieghu.

**Gilbert Harber**, rapprezentant Environmental Protection Officer mal-Awtorita' tad-Djar u Ippjanar, spjega li fil-21 ta' Awwissu, 2012 kien intalab mill-Animal Welfare Department sabiex jassistihom fuq spezzjoni gewwa residenza privata wara li kien hemm numru ta' ghasafar u annimali domestici f'din l-istess dar. Huwa mar fuq il-post fi Triq San Frangisk Balzan flimkien ma Stanley Gatt fejn sabu gia diversi ufficjali mill-Animal Welfare u ufficjali mid-distrett tal-Pulizija ta' Birkirkara. F'din ir-residenza rrizulta li kien hemm numru ta' ghasafar ezotici u fosthom kien hemm ukoll zewg ezemplari ta' ghasafar li huma mharsa mir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi. Muri r-ritratti esebiti kkonferma li dawn gew mehuda fil-prezenza tieghu, l-istess residenza fejn hemm indikat iz-zewg ezemplari li semma' aktar il'fuq li ma setghux jinzammu. Muri d-dokument SG1 ikkonferma illi dawk l-ghasafar indikati f'dan id-dokument huma dawk murija fir-ritratti esebiti. Dawn gew identifikati fil-prezenza tal-appellant, ikkonferma li ma kellhomx crieket maghluqa ma saqajhom u li l-pussess taghhom ma hux wiehed legittimu skont ir-Regolamenti. Talab lill-appellant informazzjoni dwar l-origini ta' dawn l-ghasafar u dan qallu li l-ajkla nxtrat minghand xi hadd minn Haz-Zebbug xi ftit tas-snin qabel waqt li s-seqer (Kestrel) kien instab mit-tifel tieghu bhala ghasfur ferut u ngabar u nzamm minnu. Saqsih ghal xi dokumentazzjoni specjalment fir-rigward tal-ajkla pero' l-appellant ma tahom xejn. Irrizulta minn investigazzjoni mizmuma minnu li lanqas qatt ma ntalbet xi tip ta' permess ghaz-zamm ta' tali ghasfur.

**Gilbert Harber**, nhar it-22 ta' Novembru, 2013 rega' xehed u esebixxa document li gie mmarkat bhala Dok CSH1 li hija identika bhal dokument esebit minn Stanley Gatt immarkat bhala Dokument SG1. Ikkonferma wkoll li dawn l-ghasafar m'humiex imnizzlin fl-iskeda 2 jew 3 tal-Legal Notice 79/2006 u ghalhekk il-pusess taghhom mhux wiehed legittimu. Dwar l-ajkla insista li l-appellant kellu bzonn dokumentazzjoni ghaz-zamma taghha peress illi ma kienitx qed tinzamm fl-ambjenti naturali taghha pero' l-appellant ma kellux. Jispjega li l-ajkla kienet adulta, mill-inqas kellha tlett snin u jaf li l-ghasafar spiccaw fil-kwarantina Hal-Luqa. Vizwalment l-ghasafar kellhom ftit *abrasions* pero' ma jaf xejn dwar jekk kienux morda jew le.

**Emanuel Buhagiar,** impjegat Animal Welfare ikkonferma li kienet saret spezzjoni fil-fond tal-appellant minn certu Roderick Marsdon fil-21 ta' Awwissu, 2012. Prezenti ghal din l-ispezzjoni kien hemm il-veterinarju Dr. Duncan Chetcuti Ganado u d-Direttur Joseph Vella. Huwa qaghad barra fil-bieb u jaf li ttiehdu 49-il kelb minn hemm. Jaf illi fuq il-post raw ukoll ajkla izda s-seqer ma rahx. Jaf li nhareg mill-fond mghotti. Mistoqsi jekk dan kienx l-ewwel rapport li sar fil-konfront tal-appellant, jghid illi hadd iktar ma kien kellmu fuqu.

**John Vella,** Direttur tal-Animal Welfare jghid illi huwa ma kienx prezenti mill-bidu tal-ispezzjoni li saret fil-fond tal-appellant. Ir-rapport kien dwar zamma ta' numru kbir ta' klieb. Dr. Chetcuti Ganado kien cempillu u qallu li hafna mill-klieb kienu f'kundizzjoni hazina u kienu qed jinzammu fid-dlam u fil-hmieg u li kienu qed jistennew Mandat sabiex il-Pulizija tkun tista' tidhol fil-fond. Huwa ghalhekk mar fuq il-post, u stennew lill-Pulizija igibu l-Mandat u appena kellhom il-Mandat f'idejhom, dahlu fil-fond. Fil-fond kien hemm hafna ghasafar mat-turgien, fil-kmamar tas-sodda, fis-salott, kullimkien. Kien hemm anke pappagalli u fil-bitha kien hemm ajkla u spanjolett. Huwa kkonferma li gew elevati 49-il kelb u l-ebda wiehed minnhom ma kien micro-chipped. Dawn il-klieb kienu go kaxxex jew gaggeg zghar waqt li kienu hergin. Hames minn dawn il-klieb kienu taht l-eta' ta' erba' xhur u ghalhekk ma kienitx tapplika l-provizjoni tal-micro-chipping. Irrizultalu li hafna minn dawn l-annimali ma kienux f'kundizzjoni tajba u ghalhekk ittiehdu fil-kwarantina tal-annimali zghar Hal-Luqa. Muri d-dokument SG2 huwa gharraf l-ghasfur Step-Eagle li kien prezenti fid-dar tal-appellant. Mistoqsi min ha d-decizjoni biex jeleva dawn l-annimali u l-ghasafar, jghid li din ittiehdet mid-Direttur Generali tas-Servizzi Veterinarju, Dr. Gruppetta li kien tkellem ma Dr. Chetcuti Ganado bil-htiega li jigu elevati minkejja li l-Ispettur Ransley ma qabilx ma din id-decizjoni.

**Olaf Gauci,** stazzjonat Animal Welfare, ikkonferma li kien mar jaghmel spezzjoni u gibed numru ta' ritratti tal-ajkla u l-ispanjolett li jinsabu esebiti fl-atti a fol 62 immarkati bhala Dok OG liema ritratti gew mehuda 21 ta' Awwissu, 2012. Ikkonferma illi l-ispezzjoni saret fil-prezenza tal-appellant gewwa r-residenza Hal-Balzan. Spjega illi l-ajkla u l-ispanjolett kienu mizmuma go gagga u stqarr li ra

diversi grieden ghaddejjin minn gol-hamrija. Dawn iz-zewg ghasafar gew elevati u gew elevati wkoll numru ta' klieb li ttiehdu l-Ghammieri.

**Dr. Anthony Gruppetta**, xehed fl-4 ta' Marzu, 2014 u kkonferma li dak inhar li saret l-ispezzjoni fil-fond, huwa kien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali u jaf ukoll li kien ircieva telefonata minghand Dr. Chetcuti Ganada fejn iddeskrivielu s-sitwazzjoni li kien hemm numru ta' klieb u ghasafar ta' tajr tal-Piza u li s-sur Borg ma kellux id-dokumentazzjoni dwaru. Stqarr illi skont l-informazzjoni li kellu, il-klieb kienu mizmuma go kaxxi li ma kienux adegwati. Stqarr pero' li wara xi zmien l-appellant irranga xi post adegwat ghaz-zamma ta' dawn l-annimali u fil-fatt ghalhekk hafna minn dawn il-klieb gew mghoddija lura lilu minkejja li hargu xi charges fil-konfront tal-appellant minhabba n-nuqqas ta' micro-chipping. Fuq il-post jaf li kien hemm numru kbir ta' ghasafar ohra li thallew hemmhekk. Zewg ghasafar li gew elevati ttiehdu fil-kwarantina u mistoqsi jekk hux mgharaf li s-seqer miet ftit jiem wara, jghid li ma jiftakarx. Qal li jiftakar pero' li mill-klieb tal-appellant kien hemm tlieta li mietu qabel lahaq hadhom lura.

**Dr. Duncan Chetcuti Ganado**, veterinarju spjega illi fil-21 ta' Awwissu, 2012 kienu cemplulu tal-Animal Welfare dwar sitwazzjoni prekarja ta' klieb. Qal li huma dahlu fil-fond wara li l-pulizija kellha f'idejha Mandat u fil-fond sabu hamsin kelb fid-dar go gaggeg, go kaxxex fid-dlam, f'riha sitwazzjoni dizastruza. Sab ukoll numru kbir ta' ghasafar pero' jaf ukoll li kien hemm xi zewg ghasafar protetti li ma jaqghux taht il-kura tieghu u ghalhekk ma dahalx f'dik il-kwistjoni. Huwa kien biss involut fir-rigward il-kwistjoni tal-klieb.

Rat il-verbal tat-3 ta' Gunju, 2014 fejn innominat lil Dr. Mireille Vella sabiex tghid jekk l-ghasfur muri fir-ritratt SG2 esebit fl-atti huwiex regolat bil-ligi llum il-gurnata u jekk setax jivverifika l-eta' tieghu. Inoltre, jghamel awtopsja biex jigi stabbilit il-kawza tal-mewt tieghu kif ukoll jekk kienx hemm xi tentattiv sabiex jiddahhal curkett f'wahda mis-saqajn tieghu.

Nhar it-13 ta' Novembru, 2014 xehdet **Dr. Mireille Vella**, li pprezentat ir-rapport taghha li gie mmarkat bhala Dok MV a fol 81 et sequitur u spjegat illi l-ghasfur li

ghamlet l-awtopsja dwaru kien European Kestrel u miet minhabba l-fatt li kien ilu xi tlett ijiem ma jiekolx. U dan seta' kien jew kagun ta' stress jew minhabba "xi *underlying sickness*". F'saqajh taf li kien hemm xi *lesions* li ssoltu ma jinstabux fuq captive birds. L-ghasfur ma kienx qed izappap u mill-informazzjoni li giet moghtija, l-ghasfur miet fit-28 ta' Awwissu, 2012.

**L-appellant** xehed b'mod volontarju quddiem il-Qorti tal-Magistrati u spjega illi kienu sabu s-seqer fil-Wied is-Sewda u kien dewwieh kif kien ghamel fuq hafna ohrajn. Dan instab meta l-istagun tal-kacca kien miftuh xi seba' snin qabel ma xehed. Mistoqsi f'liema cirkostanzi nstab, jghid li dan l-ghasfur kien mghaxxex, qed imut, milqut bic-comb gol-gwienah u siequ, hadu d-dar, dewwieh u qalghalu c-comb minn siequ u jaf li rpilja ghax ha pacenzja bih anke biex jitimghu. Ipprova jitilqu meta ghaddielu izda dan ma tarx ghax kellu l-gwienah imtajra. L-ajkla giet moghtija lilu miz-ziju tal-mara meta zzewweg jigifieri kienet ilha ghandu xi sebgha u ghoxrin, jew tmienja u ghoxrin sena. Kien fil-fatt rigal tat-tieg. Din damet dejjem ghandu, pero' fil-jum meta xehed, l-ajkla ma kienitx ghadha ghandu. Dwar l-ispanjolett jghid li dana miet waqt li kien qed jinzamm ghand l-Awtorita'. Cahad li kien qal lill-Awtorita' li kien xtara l-ajkla minn hanut Hal-Qormi izda dejjem sostna li kienet ilha sa minn meta zzewweg. Qal illi huwa xi tnax-il sena qabel ma xehed, kien ha jixtri ajkla ohra minn hanut gewwa Haz-Zebbug pero' l-prezz taghha kien gholi hafna. Jghid li meta l-ghasfur gie ghandu ma kienx hemm l-obbligu li jirregistraha u fil-fatt jghid illi meta huwa tkellem ma Stanley Gatt, dan qallu li la t-tajra ma tpassix, ma hemmx ghalfejn certifikati. Fil-fatt jghid illi din l-ajkla ma tpassix ghax ma tigix hawn Malta. Ikkonferma li din l-ajkla Step-Eagle, m'hijiex town Eagle u ma tpassix. Mistoqsi ghalfejn kien cempel lil dan Stanley Gatt, jghid li ghamel hekk biex jikkonferma jekk kellux jirregistra dan l-ghasfur biex ikun skont il-ligi. Qalulu li ma kienx hemm bzonn ta' certifikati ghax dawn l-ajkli ma jrabbuhomx hawn Malta u lanqas jigu bir-rings.

**Anthony Borg**, hu l-appellant jikkonferma illi l-appellant irabbi t-tjur. Dan jafu peress li jmur ghandu ta' spiss. Spjega li l-appellant irabbi l-pappagalli. Xi zmien jaf li kellu wkoll xi summien u xi ajkla. Ikkonferma illi kien mar ghand huh xi hamsa u ghoxrin sena qabel ma xehed u kien ra din l-ajkla. Qal illi xi erbatax-il sena qabel ma

xehed kien raha u din kienet *full size*, xi zewg piedi. Muri r-ritratt SG2A u jghid illi dik hija l-istess tajra li kellu l-appellant. Mistoqsi kemm-il darba ra lil din it-tajra, qal illi aktar minn darba u l-ahhar darba li raha kien xi seba' jew tmien sena qabel ma xehed.

Rat it-trattazzjoni tal-partijiet traskritta fl-atti maghmula quddiem din il-Qorti fit-28 ta' Frar, 2018.

Ikkunsidrat:

Illi, bhala l-ewwel aggravju, l-appellant isostni li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-generu tat-tjur li gew misjuba fir-residenza tal-appellant. Fis-sens jekk verament dawn iz-zewg tjur kienu ajkla Steppe Eagle u Kestrel (Spanjolett). Id-Difiza ssostni li din l-identifikazzjoni ta' dawn l-ghasafar qatt ma messa saret mill-ufficjali Stanley Gatt u Gilbert Harber peress li dawn jahdmu fi hdan il-MEPA fejn hija l-istess Awtorita' li tohrog ic-certifikati. Fil-fehma tal-appellant opinjoni teknika u professjonali tista' tinghata biss minn espert mahtur mill-Qorti u f'dan il-kaz, il-Qorti ma nnominat l-ebda espert f'dan ir-rigward.

Illi ghar-rigward dan l-aggravju, l-pozizzjoni legali kifkristallizzata fil-gurisprudenza hija s-segwenti :-
L-artikolu 650 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' haga tkun tinhtieg sengha specjali, ghandha tigi ordnata perizja w l-periti jigu maghzulin mill-Qorti (Art. 650(2).)
Pero', kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appelli Kriminali fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Joseph Cutajar**" [1]meta Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-esperjenza ta' kulljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha, m' ghandux jitqabbad perit jekk tali valutazzjoni tal-fatti ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali". Dan ukoll ghaliex l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din necessarjament iggib ikunu inutili w ghalhekk ingustifikati. (ara ukoll "**Il-Pulizija vs. Lorita Pace**"[2])

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali 23.9.2005
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali 7.12.2006].)

Multo magis għalhekk, f'dan ir-rigward, f'dan il-kaz fejn dawn l-ghasafar gew identifikat kemm minn Stanley Gatt u Gilbert Haber rapprezentanti tal-MEPA, li xoghlhom proprju hu fil-qasam tat-tjur, ma kienx hemm bzonn li jigi nominat espert biex jiddentifika l-generu ta' dawn l-ghasafar. Jinghad ukoll li fir-rigward tal-ajkla, din l-ghasfur giet ezaminata minn Dr. Mireille Vella fuq talba tad-Difiza stess meta sar l-awtopsja u fejn l-istess Dr. Vella ddeskriviet l-ghasfur bhala "adult, female European Kestrel". Konsegwentement, ma hemmx dubju li dawn l-ghasafar fil-fatt kienu kemm ajkla Kestrel kif ukoll Steppe-Eagel (Spanjolett).

Inoltre jinghad illi meta xehed l-appellant, huwa ma cahadx il-generu tal-ghasafar li gew mehuda minghandu izda prova jaghti spjegazzjoni ta' kif dawn l-istess ghasafar spiccaw fil-pussess tieghu. L-appellant jispjega illi dawn gew ghandu per accident u cioe' l-Ispanjolett sabu go Wied, waqt li l-ajkla nghatat lilu bhala rigal tat-tieg. Qal ukoll li l-Ispanjolett kien milqut u kellu bzonn l-attenzjoni biex jigi mdewwi. U kien ghalhekk li zammu ghandu sakemm dewwieh.

Illi l-Prosekuzzjoni m'hijiex qed tikkontesta kif fil-fatt dawn l-ghasafar spiccaw fil-pussess tal-appellant, izda qeghda biss tikkontesta l-fatt li z-zamma taghhom marret kontra l-Ligi.

Dwar l-ewwel akkuza jinghad illi l-akkuzat zamm zewg ghasafar fejn it-tehid taghhom huwa projbit taht ir-Regolamenti 206 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi meta tali ghasafar ma jigux dikjarati jew registrati mal-Awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju, 2003 u talli ma nghatax permess jew certifikat mill-Awtorita' ghaz-zamma tal-istess.

Jinghad li l-Artikolu 4(1)(e) tal-Avviz Legali 79/2006 intitolata Il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi tipprovdi li "kull speci ta' ghasfur li jinzammu fis-selvagg b'mod naturali hija protetta bla hsara tad-disposizzjonijiet 5, 8, 9, ebda persuna m'ghandha (e) tkun fil-pussess jew ikollha fil-kontroll taghha jew izzomm kampjun ta' ghasfur, haj jew mejjet, ghasfur li mhux inkluz fl-Iskeda 1 jew fl-Iskeda 2 sakemm ma jigix pruvat li dak l-ghasfur:

1. ikun gie dikjarat mal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar jew il-predecessur taghha sal-31 ta' Mejju, 2003 u dik il-persuna qieghda fil-pussess ta' permessi jew certifikati ta' registrazzjoni mahruga mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jew il-predecessur taghha jew mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi ghaz-zamma ta' dak l-ghasfur skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament 21, jew
2. ikun gie mportat legalment skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament 6(1)(a) jew
3. ikun gie mehud fi Stat Membru fejn il-kaxxa jew it-tehid tieghu saret skont il-Ligi jew ikun b'xi mod gie akkwistat b'mod legali skont id-direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewroprew u tal-Kunsill dwar il-Konservazzjonijiet tal-Ghasafar Selvaggi u skont il-Ligijiet ta' dak l-Istat Membru jew ikun imrobbi fil-maghluq.

**IZDA**, s-subartikolu (f) jipprova li bniedem ikun fil-pussess jew ikollu fil-kontroll tieghu jew izomm kampjun haj ta' ghasfur li mhux tat-territorju Ewropew sakemm dik il-persuna ma tipprovax wiehed mis-segwenti u cioe':

1. Li l-ghasfur ikun gie mportat legalment
2. Li l-ghasfur ikun gie akkwistat b'mod legali fi Stat Membru skont id-Direttiva 2009/147/KE jew
3. Ikun imrobbi fil-maghluq.

Illi kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, l-imputat ma kellu ebda wahda mic-certifikazzjoni mehtiega skont is-suespost u f'kaz li din il-Qorti kellha temmen il-verzjoni moghtija mill-appellant ta' kif spiccaw fil-pussess tieghu, huwa xorta kellu l-obbligu li jgharraf lill-Awtorita' kif tirrikjedi l-istess Avviz Legali. Mill-provi fuq akkwiziti, zgur li l-appellant naqas li jaghmel dan, lanqas meta xehed huwa stess.

Fir-rigward tat-tieni (2) akkuza u cioe' li huwa naqas li jzomm ic-certifikati u dokumenti li jissodisfaw l-Awtorita' kompetenti, jinghad illi fl-ebda hin ma l-appellant esebixxa xi dokumenti. Illi dwar din l-akkuza ma hemmx wisq x'jinghad ghaliex jew l-appellant kellu certifikazzjoni jew li ma kellux u mis-suespost jidher bic-car illi tali dokumentazzjoni kienet karenti.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tara illi l-ewwel Qorti kellha ragun fil-gudizzju taghha u ghaldaqstant tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti billi tikkonfermaha fir-rigward tal-htija dwar l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza u fejn imponiet multa ta' €1000 stante li tali multa taqa' fil-parametri tal-Ligi u tikkonfermaha wkoll fir-rigward tat-tielet u r-raba' akkuza fejn ordnat illi l-appellant ghandu jigi liberat minnhom.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur